MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2013

Citazzjoni Numru. 226/2011

**M.D. Said Bros (P328)**

**vs**

**Anthony Vassallo**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta attrici tat-8 ta' Marzu 2011 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta rikorrenti tinnegozja fil-materjal ghal bini u kostruzzjoni;

2. Illi s-socjeta rikorrenti ghal dawn l-ahhar snin kienet fuq bazi regolari, tbiegh u tikkonsenja materjal lil intimat Anthony Vassallo;

3. Illi s-socjeta rikorrenti ghad fadlilha tithallas l-ammont ta' wiehed u ghoxrin elf hames mija u hamsa u tmenin

ewro u sitta u tletin centezmu tal-ewro [€21,585.36] rapprezentananti bilanc tal-prezz ta' materjal mibjugh u ikkonsenjat lill-intimat Anthony Vassallo, u dan kif jidher mill-istatement of account hawn annessa u mmarkat Dok. 'MDSB1';

4. Illi l-intimat Anthony Vassallo kien dejjem ihallas lis-socjeta rikorrenti 'on account' u l-ahhar pagament 'on account' gie effettwat fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar tas-sena elfejn u disgha (2009);

5. Illi l-intimat nonostante li gie debitament interpellat mis-socjeta rikorrenti ukoll permezz ta' ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-ligijiet ta' Malta datata erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju 2009 [Dok. 'MDSB2'], huwa baqa' inadempjenti;

6. Illi dana d-debitu huwa wiehed cert, likwidu u dovut u fil-fehma tar-rikorrenti l-intimat ma ghandu ebda eccezzjoni x'jissolleva kontra l-pagament tal-istess;

7. Illi ghaldaqstant, ghal dawn il-proceduri huma applikabbli d-disposizzjonijiet ghad-dispenza mis-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

8. Illi dawn il-fatti ddikjarati huma a diretta konoxxenza ta' Kenneth Said [KI nru. 046386l(M)] ghan-nom ta' u in rapprezentanza tas-socjeta rikorrenti;

Ghaldaqstant ighid l-intimat ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex tiddeciedi billi:

1. Tiddeciedi l-kawza u tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti bid-dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167 et seq tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' wiehed u ghoxrin elf hames mija u hamsa u tmenin ewro u sitta u tletin centezmu tal-ewro

[€21,585.36] rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' materjal mibjugha u kkonsenjata lil Anthony Vassallo [ID nru. 0314959(M)], bl-imghaxijiet ulterjuri mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju 2009 u bl-imghax kummercjali mid-data tal-konsenja sad-data tal-effettiv pagament kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li tghid hekk:
1. Illi preliminarjament l-azzjoni tar-rikorrenti hija presekritta ai termini tal-artikolu 2148(b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante li l-esponenti m'ghandhiex thallas is-somma flus reklamata mir-rikorrenti;

3. Illi bla pregudizzju ghal dak fuq eccepit ir-rikorrent ghad trid iggib prova tat-talba taghha;

4. Illi bla pregudizzju ghal dak fuq eccepit, dato ma non concesso li l-eccezzjonijiet precedenti ma jigux akkolti, l-ammont mitlub qed jigi kkontestat billi huwa eccessiv bhala ammont per se billi r-rati uzati kienu ghola minn dak pattwit bejn il-partijiet;

5. Illi bla pregudizzju ghal dak fuq eccepit it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom;

Salvi, jekk ikun il-kaz, risposti, ossia eccezzjonijiet, ulterjuri;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-25 ta’ Frar 2013.

**Ikkunsidrat**

L-azzjoni attrici hi wahda semplici ghal hlas minghand il-konvenut ghal prezz ta' materjal mibjugh u konsenjat lilu tul perjodu twil ta' zmien skond invoices esebiti (fol. 31 sa 117 tal-process).

Mary Said wahda mis-socji tas-socjeta en non collectif attrici tixhed fl-affidavit taghha illi l-konvenut kien regolarment jixtri materjal tal-kostruzzjoni u jaghmel hlasijiet akkont. Huma waqfu jissupplixxu lil konvenut meta dan beda jzied fil-kont pendenti bla ma jhallas. Fl-1 ta' Jannar 2008 il-konvenut kellu bilanc pendenti ta' €23,018.36 li minnhom hallas erba' akkonti f'Jannar 2018, April 2008, Awwissu 2008 u Jannar 2009 u waqaf. Gew esebiti ricevuti tal-hlasijiet a fol. 30 u 31 tal-process. Hi baqghet iccempel b'mod regolari lill-konvenut biex ihallas u meta dan ma kkoperax giet mibghuta ittra ufficjali lil konvenut fl-24 ta' Gunju 2009 (ara fol. 7 u 8 tal-proces). Il-bilanc dovut kien ta' €21,585.36 u fil-fatt infethet il-kawza fit-8 ta' Marzu 2011.

L-accountant tas-socjeta Stephen Balzan iffonferma l-bilance dovut (fol. 121 tal-process).

Jidher ghalhekk li s-socjeta attrici resqet prova sodisfacenti ta' dak li qed titlob. Il-konvenut ma ressaq ebda provi oltre l-eccezzjonijiet formali.

**Eccezzjoni tal-preskrizzjoni art. 2148(b) tal-Kap.** 16

Din l-eccezzjoni tirreferi ghal krediti ta' dawk li jbieghu bl-imnut irrispettivament jekk hux kummercjanti jew le. Kjarament dan l-artikolu ma japplikax ghal kaz in ezami ghax il-materjal mibjugh mis-socjeta attrici ma kienitx intiz ghal konsum giornalier fornatur ta min kien qed jixtri kif jirreferi l-imsemmi artikolu izda kienet merci destinata biex tigi rivenduta jew manifatturata f'opra (**Kollaz Vol XXIII Pg 1 pg 909**) kif inhu prezunt minn natura tal-materjal mibjugh.

Ghalhekk din l-eccezzjoni taht dan l-artikolu mhix applikabbli ghal kaz u qed tigi respinta.

Il-konvenut jaghti eccezzjonijiet ohra fil-mertu cioe li ma ghandux ihallas dak mitlub u li l-ammont hu eccessiv pero ma ressaq ebda prova biex jissostanzja din l-eccezzjoni.

Ghalhekk il-Qorti hi konvinta li l-provi mressqa mis-socjeta attrici ma gewx newtralizzati minn ebda eccezzjoni tal-konvenut.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, tichad l-eccezzjonijiet l-ohra fil-mertu sollevati mill-istess konvenut, u tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti bl-imghax kif mitlub. Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------